# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/2096

**tat-28 ta' Novembru 2019**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 (EUTM Mali/2/2019)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM Mali, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal EUTM Mali.

(2) Fid-29 ta' Mejju 2019, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 ([2]) li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Christian HABERSATTER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali.

(3) Fit-22 ta' Ottubru 2019, il-Portugall ippropona l-ħatra tal-Brigadier Ġeneral João Pedro RATO BOGA DE OLIVEIRA RIBEIRO biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Christian HABERSATTER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali mit-12 ta' Diċembru 2019.

(4) Fid-29 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral João Pedro RATO BOGA DE OLIVEIRA RIBEIRO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali mit-12 ta' Diċembru 2019 jenħtieġ li tittieħed.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948.

(7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral João Pedro RATO BOGA DE OLIVEIRA RIBEIRO huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (UE EUTM) mit-12 ta' Diċembru 2019.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 hija b'dan imħassra.

---

([1]) ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/948 tad-29 ta' Mejju 2019 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2019/948 (EUTM Mali/2/2019) (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 72).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2019.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
S. FROM-EMMESBERGER